MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA GHAWDEX

## MAGISTRAT DR. COPPINI PAUL LL.D.

Seduta ta' 30 ta' Ottubru, 2002

Rikors Numru. 2/1998/1

**Rikors Numru 2/1998**

**ANTHONY GRECH**

**kontra**

**VICTOR GRIMA**

Ic-Chairman;

Ra r-Rikors illi permezz tieghu r-rikorrenti Anthony Grech wara li  ppremetta illi huwa jikri lill-intimat il-fond maghruf bhala St. Julien Court, Flat 1, Qbajjar Road, Marsalforn, bil-kera ta’ mija u disghin lira maltija (Lm190) fis-sena pagabbli bis-sena b’lura f’kull l-1 ta’ Marzu, ta’ kull sena.

Illi l-esponenti ghandu bzonn dan il-fond ghall-uzu tieghu personali u ta’ bintu Grace Navarro nee’ Grech.

Illi l-esponenti qed joffri bhala ‘alternative accomodation’ il-Flat numru hamsa (5) fl-istess blokk ta’ bini u ghalhekk bhala post t’abitazzjoni alternattiv huwa ‘adeguate’ u ‘suitable’ bhalma jigi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni ta’ dina l-kawza.

Talab li dan il-Bord, ghar-ragunijiet imsemmija, jordna r-ripresa tal-fond imsemmi favur tieghu u ma jawtorizzax ir-rilokazzjoni wara l-iskadenza tat-terminu li jmiss, taht dawk il-provvedimenti li dan il-Bord jidhirlu xierqa u opportuni.

Rat ir-risposta ta’ l-intimat illi fl-ewwel lok hemm in-nullita’ ta’ l-avviz tas-smiegh billi dan jirreferi ghal tribunal divers minn dak prezenti.

Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju, id-domanda tar-rikorrenti ma ghandhiex tigi milqughha u dan peress illi ma hux minnu li r-rikorrenti jinhtieg dan il-Flat ghall-okkupazzjoni da parti ta’ bintu Grace Navarro.

Illi inoltre l-akkomodazzjoni alternattiva offruta ma hix addattata ghall-abitazzjoni da parti tal-esponenti u kemm-il darba jigi ordnat sabiex jidhol jabita f’dak il-fond certament ser isofri ‘hardship’ ikbar minn dak tar-rikorrenti kieku din it-talba tigi michuda.

Ra in-Nota tar-rikorrenti tas-26 ta’ Gunju, 2002 li maghha esebixxa kopja ta’ ftehim raggiunt ma’ l-intimati fl-24 t’Ottubru, 2000 liema kopja ta’ ftehim tinsab annessa a fol. 58 ta’ dan il-process;

Ra wkoll il-kontenut ta’ l-istess skrittura ta’ l-24 t’Ottubru, 2000;

Ra l-Verbal tal-lum stess ta’ l-Avukat Dr. Michael Grech ghall-intimat fejn talab li tinghata Sentenza, fis-sens illi tigi milqughha t-talba tar-rikorrenti u l-intimat jinghata zmien sa’ l-ahhar ta’ Dicembru ta’ din is-sena biex jirrilaxxja l-fond in kwistjoni.

Ra wkoll il-Verbal ta' l-Avukat Dr.Carmelo Galea ghar-rikorrenti illi rrimetta ruhu ghad-decizzjoni ta' dan il-Bord.

Il-Qorti ghalhekk, in vista ta' dan il-Verbal ta' l-Avukat Dr. Grech;

In vista wkoll tal-kontenut ta' l-iskrittura msemmija li biha l-intimat kien intrabat illi kellu jirrilaxxja l-fond in kwistjoni sa mhux aktar tard mill-ahhar ta' Frar ta' din is-sena; ghalhekk;

Jiddecidi r-Rikors billi jilqa' t-talba;

Jawtorizza lir-rikorrenti jirriprendi l-pussess tal-fond indikat fir-Rikors b'effett mill-1 ta' Jannar, 2003.

L-ispejjez tar-Rikors ghandhom jigu ssapportati mill-intimat.

(ft.) Paul Coppini
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur